DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR202273** **14.11.2020**

## STQARRIJA MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, L-ISPORT U L-VOLONTARJAT

***Jiltaqa' l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ b'mod virtwali***

Għal sena oħra qed jittella' l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ, din id-darba b'mod virtwali minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19. Din is-sena hemm erba' temi li ġew diskussi miż-żgħażagħ bejn 14 u 35 sena. Dawn huma l-immigrazzjoni, l-effetti ekonomiċi wara l-pandemija tal-Covid-19, iżjed opportunitajiet għaż-żgħażagħ fl-isport u fl-arti u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-politika.

Fid-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Volontarjat Clifton Grima ħabbar li qed jiġi mġedded iż-żmien tal-Konsultazzjoni Pubblika għall-Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ. Huwa qal li dan isir sabiex jintlaħqu iżjed żgħażagħ u sabiex l-eżitu tal-punti diskussi fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ ikunu wkoll ikkunsidrati meta tkun qed tiġi mfassla l-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Qal li l-Konsultazzjoni Pubblika għall-Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ hija politika bbażata u mibnija fuq is-suċċessi miksuba fl-aħħar ħames snin filwaqt li tiffoka fuq l-isfidi u l-opportunitajiet li ġejjin.

Fl-aħħar nett is-segretarju parlamentari awgura liż-żgħażagħ għall-edizzjoni ta' din is-sena u qal li, "Il-fatt li għandek iż-żgħażagħ li baqgħu għaddejjin bil-proċeduri sabiex jassiguraw li pajjiżna jkollu din l-għodda li tagħti ċ-ċans liż-żgħażagħ jesprimu l-ideat tagħhom, ideat li huma importanti, bħala politiku żgur se nkun qed inressaq biex tingħata l-importanza li tant tistħoqqilhom".

Il-President tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ Chiara Vassallo fakkret kemm kien hemm proposti li ġew ippreżentati waqt il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ matul is-snin li ġew implimentati, bħal Vot Sittax u d-Dikjarazzjoni ta' Emerġenza Klimatika. Saħqet li ż-żgħażagħ m'għandhom iħallu lil ħadd iwaqqafhom milli jsemmgħu leħinhom, lanqas pandemija.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt